MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 573/2005/1

**Anthony Caruana & Sons Limited (C 7512) u b'nota tal-11 ta' Awwissu 2009, assumiet l-atti tal-kawza Wands Limited u b'nota tas-26 ta' Awwissu 2009, assumiet l-atti Farsons Beverage Imports Company Limited**

**v.**

**Christopher Caruana**

**Il-Qorti:**

Rat l-atti tac-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fis-16 ta' Gunju 2005 u li taqra hekk:

“Illi Christopher Caruana kien impjegat bhala *General Manager* mas-socjeta` attrici ghall-perjodu definit ta’ tliet snin bejn it-13 ta’ Marzu 2003 u t-12 ta’ Marzu 2006 u dana permezz ta’ kuntratt ta’ impieg datat 7 ta’ Marzu 2003, li gie prezentat mac-citazzjoni u immarkat Dok ACS1.

“Illi fir-rwol tieghu ta’ General Manager tas-socjeta` attrici, Caruana kien responsabbli ghall-bejgh u *marketing* tal-varji prodotti li kienet timporta s-socjeta` attrici; kien responsabbli ghat-tfassil ta’ *policies* tas-socjeta` attrici; kien responsabbli ghall-impjegati kollha; kif ukoll kien depozitarju ta’ kull informazzjoni relatata man-negozju u l-impjegati tas-socjeta` attrici.

“Illi bhala *General Manager* tas-socjeta` attrici, Caruana kellu d-dmir li jagixxi esklusivament fl-interess tas-socjeta` attrici, kellu jipprotegi l-interessi taghha, u kien jaf informazzjoni kunfidenzjali, kien qed jokkupa post ta’ fiducja u ghalhekk ghandu jitqies bhala fiducjarju fis-sens kontemplat fl-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili.

“Illi konsegwentement il-partijiet qablu li jitterminaw dan il-kuntratt ta’ impjieg u dan permezz ta’ skrittura privata iffirmata bejn l-istess partijiet fis-27 ta’ Settembru 2004, liema skrittura giet prezentata mac-citazzjoni u immarkata Dok ACS 2.

“Illi immedjatament wara li gie bi qbil itterminat il-perjodu tal-impieg tieghu, is-socjeta` attrici saret taf illi l-konvenut beda jxerred notizzji li jaghmlu u jistghu jaghmlu hsara lis-socjeta` attrici u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc; beda javvicina klijenti u fornituri ta’ l-istess socjeta` attrici bl-iskop illi dawn ma jkomplux jaghmlu negozju mas-socjeta` attrici izda jibdew jaghmlu negozju mal-konvneut jew mas-socjeta` Red October Limited (C21883) li fiha l-istess Caruana huwa kemm azzjonist maggoritarju kif ukoll direttur [hekk kif muri mill-estratt mahrug mir-Registru tal-Kumpanija li gie prezentat mac-citazzjoni u immarkat Dok ACS3] u dan bi ksur ta’ l-iskruttura ta’ terminazzjoni datata 27 ta’ Settembru 2004

kif ukoll bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu a bazi tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili; beda javvicina impjegati ta' l-istess socjeta` attrici bl-iskop illi dawn jitterminaw l-impjieg taghhom mas-socjeta` attrici u jimpjegaw ruhhom mal-konvenut jew mas-socjeta` Red October Limited u dan bi ksur tal-iskruttura ta' terminazzjoni datata 27 ta' Settembru 2004 kif ukoll bi ksur ta' l-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu a bazi tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili; kif ukoll beda juza u jiehu vantagg minn informazzjoni kunfidenzjali dwar is-socjeta` attrici li hu kien fdat biha u li kellu access ghaliha fiz-zmien ta' l-impjieg tieghu u dan bi ksur car tal-kundizzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' l-impjieg datat 7 ta' Marzu 2003 kif ukoll bi ksur ta' l-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu a bazi ta' l-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili.

"Illi huwa intollerabbli li persuna li tigi fdata b'informazzjoni privata u kummercjali tuza l-istess informazzjoni a beneficcju u profitt taghha stess a skaptiu tal-proprjetarju ta' l-istess.

"Illi s-socjeta` attrici kienet u qeghda u ghada tista' ssofri danni ingenti minhabba l-agir abbusiv u illegali tal-konvenut.

"Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:
"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bl-agir tieghu naqas u qieghed jonqos milli jottempera ruhu mal-provvedimenti ta' l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm500, jew somma ohra verjuri li tigi iffissata mill-Qorti bhala penali skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 37(3) tal-Kodici tal-Kummerc;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bl-agir tieghu naqas u qieghed jonqos milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili u li b'dan ikkaguna danni kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici in vista ta' tali ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji kif ukoll

tillikwida l-beneficcji kollha miksuba mill-konvenut, sew direttament sew indirettament, u dan skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civli u tikkundanna lill-konvenut ihallas tali danni likwidati kif ukoll li jrodd lura kull proprjeta` flimkien ma' kull beneficcju miksub minnu, sew direttament sew indirettament, u dan skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili.

"4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bl-agir tieghu naqas u qieghed jonqos milli josserva l-provvedimenti fil-kuntratt ta' l-impieg li gie maqbul bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenut fis-7 ta' Marzu 2003, kif ukoll il-provvedimenti fil-kuntratt ta' terminazzjoni ta' l-impjieg tal-konvenut datat 27 ta' Settembru 2004 u konsegwentement tillikwida d-danni li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici in vista ta' tali ksur u tikkundanna l-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva li tigi likwidata.

"Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ufficjali datata 26 ta' Novembru 2004 kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-fatti li jaghtu lok ghal dan il-kaz ma joholqux l-obbligu fiducjarju kontemplat fl-Art 1124A tal-Kodici Civili, li fuqu hija ibbazata din l-istanza;

"2. Minghajr pregudizzju, bis-sahha ta' diversi skritturi ezistenti bejn il-partijiet, fosthom skrittura datata 12 ta' Marzu, 2000 prezentata man-nota u immarkata Dok CCT1, kif ukoll dawk esebiti mill-atturi, gew pattwiti kundizzjonijiet espressi … bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir [Art 1124A (4) tal-Kap 16].

"3. Fil-mertu, u b'risposta ghall-hames premessa fic-citazzjoni tal-kumpanija attrici, il-konvenut jirrispondi kif

gej, cioe` kif gia irrisponda fil-kontro-protest tieghu tas-6 ta’ Dicembru 2004:

“a. Huwa wisq facli li l-kumpanija attrici takkuza lill-konvenut li xerred notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-kumpanija attrici, minghajr ma din tghid liema huma dawn in-notizji li hu allegat li xerred il-konvenut. F’kull kaz, il-konvenut jichad kategorikament li xerred notizji ta’ dan it-tip;

“b. Il-konvenut jichad kategorikament li avvicina fornituri u/jew klijenti tal-kumpanija attrici. L-ebda kummercjant ma jista’ ragjonevolment jipprentendi li jikkontrolla l-ghazliet li jwettqu l-fornituri sabiex jirregolaw ir-relazzjonijiet kummercjali taghhom li jaghmluhom kif jidhrilhom huma fl-ahjar interess kummercjali taghhom. Dan jghodd ukoll ghall-klijenti. Barra minnhekk, il-konvenut jichad kategorikament illi b’xi mod kiser il-patt tas-27 ta’ Settembru, 2004.

“c. Il-lanjanza li l-konvenut avvicina lill-impjegati tal-kumpanija attrici biex imorru mieghu hija infondata u anke ridikola. L-impjegati in generali, u dawn ukoll, minn rajhom u minghajr htiega ta’ ebda inkoriggament jew avvicinar, imorru fejn jidhrilhom illi huma l-iktar apprezzati, u kuntenti;

“d. Bhal-ewwel lanjanza, din li l-konvenut uza u ha vantagg minn informazzjoni kunfidenzjali hija vaga u ma timmeritax konsiderazzjoni. Sabiex il-kwistjoni titpogga fil-perspettiva gusta, jinghad biss illi hawn si tratta ta’ azjenda semplici li tixtri x-xorb ghar-rivendita;

“4. Kwantu jirrigwarda t-talbiet attrici, l-Art 34 tal-Kodici tal-Kummerc Kap 13 ma jsibx applikazzjoni ghall-kaz odjern billi l-konvenut jichad kategorikament li xerred notizji illi jistghu jaghmlu hsara lill-kumpanija attrici. L-Art 1124A(5) tal-Kodici Civili lanqas ma jsib applikazzjoni f’dan il-kaz billi l-obbligi fiducjarji ma jinholqux f’dan il-kaz.”

Rat illi b’digriet tat-23 ta’ Settembru 2009 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili cahdet talba tal-konvenut maghmula b’rikors

tal-11 ta' Settembru 2009, biex jithalla jaghmel kontro-ezami ta' xhieda li ddeponew b'affidavit, liema affidavits kienu gew ipprezentati fl-atti tal-kawza b'nota tal-1 ta' Marzu 2006;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Settembru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"Tilqa' l-ewwel eccezjoni billi l-fatti li jaghtu lok ghal dan il-kaz ma joholqux l-obbligu fiducjarju kontemplat fl-Art 1124A tal-Kodici Civili, li fuqu hija ibbazata din l-istanza u dan kif dettaljatament imsemmi taht "D2";

"Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra ghall-motivi msemmija taht "D3" u "D4";

"Tiddikjara li l-konvenut bl-agir tieghu naqas milli jottempera ruhu mal-provvedimenti ta' l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €1165 [Lm500], bhala penali skond id-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 37(3) tal-Kodici tal-Kummerc;

"Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bl-agir tieghu naqas milli josserva l-provvedimenti fil-kuntratt ta' l-impieg li gie maqbul bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenut fis-7 ta' Marzu 2003, kif ukoll il-provvedimenti fil-kuntratt ta' terminazzjoni ta' l-impjieg tal-konvenut datat 27 ta' Settembru 2004 u konsegwentement tillikwida d-danni li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici in vista ta' tali ksur fl-ammont ta' €10000 [ghaxart elef Ewro];

"Tikkundanna l-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €10000, oltre €1165 fuq imsemmija.

"Is-socjeta` attrici talbet il-hlas ta' imghax izda dan ma jistax jigu milqugh fuq somom li gew likwidati permezz ta' din is-sentenza.

"Spejjez terz ghas-socjeta` attrici u zewg terzi kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“C. PROVI:**

“Gie prezentat affidavit ta’ Adrian Tonna, *Group Sales Manager* ma’ Simonds Farsons Cisk u ilu impjegat mal-kumpanija mill-1987 li fih issemma li f’Awwissu 2004 bdiet titfassal sistema gdida ta’ *sales* li kienet aktar professjonali u aktar konsistenti mal-htigijiet tas-suq. Meta din is-sistema giet spjegata lill-konvenut, Caruana kien qallu li s-sistema mhux ser tahdem u li Anthony Caruana & Sons ser titlef ammont sostanzjali ta’ flus.
“Gie prezentat affidavit ta’ Paul Ciantar li ilu jahdem ma’ Farsons ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena u okkupa karigi f’*Sales Management* mad-ditta Farsons u Wands Limited. Semma li fl-2004 kellu l-istess responsabbilitajiet li kellu l-konvenut izda mad-ditta Wands li hija kumpanija ohra mal-Farsons Group. Qal li wara li telaq il-konvenut minn mal-kumpanija Anthony Caruana & Sons diversi *sales reps*, fosthom Pierre Anastasi, kienu qalulu li klijenti taghhom kienu qed isibuha difficli biex jifhmu minghand min iridu jixtru l-prodotti ghax gew avvicinati mill-konvenut fejn qalilhom li l-prodotti li kienet tbigh il-kumpanija issa ser jibda jbieghhom hu. Qal ukoll li s-*sales team* tieghu kien prejokkupat illi l-konvenut kien ser jiehu l-*brands* importanti tal-kumpanija.

“Gie prezentat affidavit ta’ Geoffrey Borg, *General Manager Sales, Credit & Distribution* mal-kumpanija Simonds Farsons Cisk u ilu f’din il-kariga mill-1996. Semma li f’Awwissu 2004 bdew jippruvaw jimplimentaw struttura gdida ta’ *sales* aktar professjonali u konsistenti mal-htigijiet tas-suq. Il-konvenut oggezzjona ghal din l-istruttura. Qal li din kienet ser tirrizulta f’*demotion* ghalih minkejja li kien ser ikollu aktar responsabbilta` u izjed impjegati tahtu. Il-konvenut hass li kellu jkun fl-istess livell tas-Sur Tonna. Ftit granet wara l-konvenut irrizenja minn mal-kumpanija.

“Gie prezentat affidavit ta’ Paul Rapa, *Sales Manager* mal-kumpanija Simonds Farsons Cisk u ilu mal-kumpanija ghal tmintax-il sena. Qal li hu ghandu kuntatt dirett mal-klijenti li jixtru minghandu. Ftit granet wara li l-konvenut kien irrezenja minn mal-kumpanija numru ta’ *sales reps* fosthom Aaron Sammut u Ray Attard qalulu li huma kienu tilfu l-Averna u kien hadha l-konvenut. Kien inqala` certu paniku fuq is-suq minhabba li certi hwienet ma kienux jafu minghand min kellhom jixtru certi prodotti tad-ditta kif ukoll b’liema kundizzjonijiet ser jibqghu jixtruhom.

“Gie prezentat affidavit ta’ George Micallef li huwa impjegat mal-kumpanija Simonds Farsons Cisk u minn Marzu 2004 sa Marzu 2005 kien *Finance & Adminstration Manager* mal-kumpanija Guido Vella Limited li hija wkoll sussidjarja ta’ Farsons. Wara li telaq il-konvenut, Edward Psaila, Anthony Farrugia u Mark Schembri kienu rrizenjaw ukoll biex imorru jahdmu mal-kumpanija Red October Limited. Semma li dawn it-tliet impjegati kienu jafu sew in-negozju tal-kumpanija u kienu proficjenti fix-xoghol taghhom.

“Gie prezentat affidavit ta’ Robert Farrugia, distributur u *wholesaler* ta’ prodotti tax-xorb alkoholiku, birra u minerali, fejn issemma li hu jixtri dawn il-prodotti minghand diversi fornituri u importaturi fosthom il-kumpanija Anthony Caruana & Sons u ilu jixtri minghand din il-kumpanija ghal diversi snin. Qal li f’Ottubru 2004 il-konvenut avvicinah biex jixtri l-prodotti minghand il-kumpanija Red October Limited minflok Anthony Caruana. Qallu li l-prodotti li kienet tbigh il-kumpanija Anthony Caruana kienu ser imorru ghandu fosthom il-prodott Averna izda hu ma accettax dik il-proposta. Zied jghid li wara ftit il-konvenut qallu li kien ser jitlaq minn ma’ Anthony Caruana u rega’ qallu biex jixtri minghandu. Qal li hu beda jixtri l-prodott Averna minghandu peress li l-kumpanija tieghu kienet hadet l-agenzija ta’ dan il-prodott minghand Anthony Caruana & Sons. Illum ghadu jixtri kemm minghand il-konvenut kif ukoll minghand Anthony Caruana & Sons.

“Gie prezentat affidavit ta’ Philip Sammut, *Administration & Finance Manager* mal-kumpanija Wands minn

Novembru 2003. Qal li wara li l-konvenut telaq minn mal-kumapnnija Anthony Caruana kien ircieva r-rizenja ta' Anthony Farrugia, Keith Zarb, Sergio Micallef, Mark Schembri u Edward Psaila u kienu marru jahdmu mal-kumpanija tal-konvenut.

"Xehed <u>Anthony Tabone</u>, *Business and Marketing Consultant* mad-ditta Wands fejn issemma li fiz-zmien tal-kaz in kwistjoni kien *Managing Director* ta' Wands u Anthony Caruana u ghal perjodu wkoll kien *Deputy Chief Executive* tal-gurpp. Qal li hu kien involut fin-negozjar ta' l-akwizizzjoni tax-*shares* ta' Anthony Caruana & Sons fejn f'Marzu 2000 Farsons akkwistat ix-*shares* ta' Anthony Caruana & Sons. Peress li missier il-konvenut kien bena dak il-*business* hu xtaq li t-tifel tieghu jibqa' fil-business u ghalhekk kienu accettaw li lill-konvenut jimpjegawh maghhom. Hu ffirma kuntratt ta' tliet snin bejn is-sena 2000 u 2003 bhala *General Manager* ta' Anthony Caruana & Sons. Dak li kellu x'jaqsam ma' *accounts* u *shipping* kienu jipprovduh huma pero` hu kien imexxi bil-mod li kien ihossu aktar idoneju biex imexxi l-kumpanija 'l quddiem.

"Semma li l-konvenut kien talab permess biex jirritjeni l-interess li kellu fil-kumpanija Red October Limited li kienet tikkommercjalizza *confectionery* u tabakk. Qal li d-ditta ma sabitx oggezzjoni u taghtu permess li jkompli jzomm l-interess f'din il-kumpanija b'tali mod li l-involviment tieghu ma kellux jinfluwixxi fuq il-*job* tieghu ma' Anthony Caruana & Sons. Taghtu wkoll il-permess li juza mahzen u ufficcju fil-*premises* ta' Anthony Caruana & Sons biex ikun jista' jkompli x-xoghol tieghu ta' *confectionery* li kien jippikkja l-aktar fi zmien il-Milied u fi zmien l-Ghid.

"Wara li skada l-ewwel kuntratt kien sar iehor ghal tliet snin ohra pero` din id-darba kienu gew stipulati certu affarijiet li ma kienux jezistu fl-ewwel kuntratt. Dawn il-kundizzjonijiet kienu gew accettati minghajr riserva mill-konvenut u kienet giet mitmuma l-koncessjoni li jista' juza l-ufficcju u l-mahzen li minnu kien jopera f'isem il-kumpanija Red October Limited. Semma li l-konvenut kellu konnessjoni ma' fornituri barranin, kien jaf il-prezzijiet li jixtru u prezzijiet li jbieghu, il-kundizzjonijiet li kellhom

ma’ klijenti specifici u anke l-kundizzjonijiet ta’ l-impjegati fil-kumpanija Anthony Caruana & Sons. Sussegwentement l-ufficini ta’ Anthony Cauana u Wands gew taht saqaf wiehed u ghalhekk kellu konnessjoni mal-impjegati ta’ Wands. Bejn April u Awwissu 2004 l-grupp kien beda jippjana strategija ghall-istruttura tal-bejgh biex ikun jista’ jilqa’ l-isfidi godda ta’ suq liberalizzat.

“Kwazi l-*managers* kollha accettawha l-istruttura l-gdida pero` l-konvenut kien deherlu li s-sistema ma kenitx se tahdem u ma kienx se jaccetta. Semma li ghamlu diversi laqghat mieghu u mas-Sur Farrugia biex jippruvaw jaslu fi ftehim ghax huma xtaqu li s-sistema tahdem. Fis-27 ta’ Settembru l-kumpanija u l-konvenut kienu waslu ghal ftehim reciproku u l-kumpanija kienet tat *ex gratia payment* u l-konvenut kien accetta. Kien accetta wkoll li johrog minn dak il-kuntratt u li “*assures his continued goodwill towards the company*”. Il-konvenut kien accetta li ma jaghmel xejn li jkun ta’ dannu ghall-kumpanija.

“Semma li meta bdiet tahdem l-istruttura l-gdida bdiet titqajjem incertezza fuq is-suq ghax xi klijenti kienu semghu li l-konvenut kien se jibda’ jbigh il-prodotti li kellha Anthony Caruana & Sons u li kellhom jibdew jordnaw minghandu. Ftit inqas minn xahar wara li kien spicca l-konvenut ditta li kienu jirrapprezentaw huma bhala Anthony Caruana & Sons kienet infurmathom li s-sistema l-gdida ta’ bejgh ma kenitx taqbel ghall-kumpanija taghhom u kienet se tittermina r-rapprezentazzjoni ta’ l-agenzija ma’ Anthony Caruana & Sons b’effett immedjat u se tghaddiha lil Christopher Caruana. Huma kienu hassew dan stramb ghax l-istruttura l-gdida ma kenitx ghadha giet implimentata. L-istess gara dwar kumpanija ta’ likuri li kellha prodott simili hafna ghal prodott iehor ta’ kumpanija ohra li kienu jirrapprezentaw.

“Semma wkoll li wara li l-konvenut irrezenja, 5 impjegati ta’ Anthony Caruana & Sons u wiehed minnhom ta’ Wands irrizenjaw mill-kumpanija u marru jahdmu ma’ Red October Limited, mal-konvenut.

"Xehed is-Sur Louis Farrugia, *Chief Executive Officer* mas-socjeta` attrici fejn issemma li hu kien involut fid-dettal fin-negozjati li kellhom mas-Sur Anthony Caruana, missier il-konvenut. Fil-bidu tas-sena 2000, ikkonkludew in-negozjati u kienu hallsu somma ta' Lm300,000 ta' l-assi li kien hemm fil-kumpanija. Dan il-valur tax-*shares* kien jiddependi fuq il-*brands* li kienu ser jiehdu *over*, bhal Averna, Perrier u anke *whiskies* u *vodkas*. Qal li s-Sur Anthony Caruana xtaq li huma jimpjegaw lit-tifel tieghu Christopher bhala *General Manager* tal-kumpanija u huma qablu u f'Marzu 2000 kienu ghamlu *employment contract* mieghu ghal tliet snin bhala *General Manger* ta' Anthony Caruana & Sons.

"Qal li fl-2003 geddewlu l-kuntratt; ghamlu kuntratt gdid fejn fost affarijiet ohra kien hemm kundizzjonijiet godda per ezmpju fuq prattika li kellhom fil-*group* fuq *related party transactions*. Il-konvenut kellu *share* jew *ownership* tal-kumpanija jisimha Red October u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li seta' jkompli jiggestixxi din il-kumpanija, li l-*business* taghha kien it-*trading* tat-tabakk u anke *confectionery* u peress li dan ma kellux konflitt mal-imbejjed u spirti li kienu jbieghu huma bhal Wands u *Caruana Group*, basta ma jaghmilx ix-xoghol tieghu fil-*working hours* tal-kumpanija u ma jkunx hemm konflitti. Il-konvenut bhala Red October kien qed jokkupa parti mill-*offices* ta' Anthony Caruana.

"Semma li f' April 2004 kienu bdew ihejju re-organizazzjoni fis-*sales* peress li f'Mejju 2004 l-protezzjoni kollha tal-*beverage industry* kien se tieqaf. B'din l-istrutturizzazzjoni kienu ser jitbiddlu diversi pozizzjonijiet u lill-konvenut offrewlu *Sales Manager* tal-*Key Accounts*, ma' liema decizjoni l-konvenut ma qabilx. Semma li f'Settembru 2004 kulhadd, inkluz il-konvenut, qablu li jispicca l-inkarigu tal-konvenut bhala *General Manager* u ghalhekk dan il-kaz ghadda f'idejn l-*HR Manager*. Peress li kien ghad fadallu sena u nofs ohra biex jiskadielu l-kuntratt, huma hallsu lill-konvenut is-somma ta' Lm10,500. Il-mod kif spiccaw hassewhom li mhux ser jipprova jiehu agenziji taghhom.

"Ghalihom kienu importanti l-Averna, Perrier u Whyte & McKay. Il-fatt li l-konvenut ipprova jiehu l-Averna, ma qablitx mal-*good will* li kien wieghed. Inoltre xi impjegati taghhom marru jahdmu mal-konvenut.

"Semma li l-konvenut bhala *General Manager* kellu access dirett ma' dawk id-ditti li kienu qed jirrapprezentaw, id-ditti kollha tista' tghid, inkluz dawk ta' barra minn Malta. Qal li kienu ghaqqdu l-amministrazzjoni ta' Caruana ma' dik ta' Wands u l-konvenut kien qed jahdem vicin hafna ma' Mr. Gabriel Wirth, il-*General Manager* ta' Wands, u kien jaf ukoll is-*sales figures* u l-*commercial conditions* ta' kull ditta li kienu qed jirrapprezentaw.

"Xehed <u>Arthur Muscat</u>, *Human Resources Manager* ma' Simonds Farsons Cisk u impjegat ma' Anthony Caruana & Sons Limited. Semma li Farsons iddecidiet li tinkorpora l-bejgh kollu taht sistema centralizzata u din kienet tfisser li l-kumpanija Anthony Caruana li kellha s-*salesmen* taghha jibda jkollha *salesmen* komuni ma' Simonds Farsons. Din kienet ser taffettwa l-pozizzjoni tal-konvenut li ma kienx ser jibqa' *Manager* ta' Anthony Caruana imma jkun f'pozizzjoni f'Farsons u jkollu numru ta' *salesmen* jirrapurtaw lilu, izda l-konvenut ma riedx jiehu dik il-posizzjoni ghax hu ma kienx jaqbel mar-riforma u mar-ri-organizazzjoni li Farsons kienet qed taghmel.

"Wara li waslu fi ftehim ghamlu dokument li permezz tieghu ftehmu li huma bhala kumpanija kienu ser ihallsuh u fl-*agreement* nizzlu wkoll li qed jaccetta l-arrangament waqt li jiggarantixxi li jzomm il-'*good will*' versu l-kumpanija Farsons.

"Xehed <u>Edward Psaila</u> u semma li kien jahdem ma' Red October u precedentement ma' Wands Limited fejn kien dam erba' snin u nofs u kien *shipping clerk*. Lill-konvenut kien jafu ghax kien jahdem fl-istess ufficcju mieghu u kien id-Direttur ta' Anthony Caruana & Sons. Semma li meta l-konvenut telaq, fetah ghal rasu r-Red October Limited. Hu nduna li kien ser jitlaq ghax rah jippakkja fl-ufficcju u hu baqa' jahdem ma' Wands. Qal li f'Dicembru 2004 kien

avvicinah il-konvenut u qallu li ghandu post ghalih fil-kumpanija tieghu.

“Xehed Sergio Micallef li semma li bejn l-2004 u l-2005 kien jahdem ma’ Red October Limited u qabel kien ma’ Anthony Carurna & Sons fejn kien ilu jahdem mill-1985. Qal li kellu diversi pozizzjonijiet izda fl-ahhar spicca l-assistent tal-konvenut. Qal li meta mar jahdem ma’ Red October kellu awment fil-paga ta’ Lm500 fis-sena u kien qed jaghmel bejn wiehed u iehor l-istess tip ta’ xoghol. Semma li hu kellu relazzjoni tajba mal-konvenut u kienu hbieb hafna.

“Gie prezentat affidavit ta’ Christopher Caruana Turner, fejn issemma li l-familja tiegħu kienet importatrici tax-xorb, magħrufa bhala “Captain Caruana” u wara gie deciz li jinqasm in-negozju u ġiet kostitwita Anthony Caruana & Sons Limited. Hu kien daħal jaħdem ma’ missieru u ma’ zijuh meta kellu sittax-il sena. Fis-sena 2000 kienu ddeċidew li jbiegħu n-negozju u kienu daħlu għalih Simonds Farsons Cisk p.l.c. Fiz-zmien li nbiegħet il-kumpanija hu kien Direttur inkarigat mis-*sales* u kien hu li jzomm kuntatt mal-fornituri tad-ditta.

“Semma li l-qofol ta’ dan in-negozju ta’ l-importazzjoni u distribuzzjoni tax-xorb jiddependi fuq ir-relazzjonijiet personali, sia l-otteniment tad-dritt ta’ distribuzzjoni mill-fornituri esteri, kif ukoll il-bejgħ tax-xorb lill-ħwienet ta’ gziritna. Qal li kulhadd jaf liema huma l-fornituri internazzjonali ta’ l-aqwa inbejjed u xorb alkoħoliku, u kulħadd jaf liema huma l-aqwa ħwienet hawn Malta. Semma li ma kienu sabu ebda diffikulta` li hu jibqa’ jmmexxi l-kumpanija Red October Limited, id-ditta li kienet ġiet kostitwita fit-18 ta’ Settembru, 1997 u li kienet timporta u tbigħ imbejjed u xorb alkoħoliku kif ukoll *confectionery* u tabakk.

“Semma li Louis Farrugia ma kienx korrett meta semma li r-Red October Limited kienet tinnegozja fit-tabakk u fil-*confectionery* biss. Red October Limited kienet tixtri x-xorb mingħand Anthony Caruana & Sons u Wands. Fil-kuntratti ta’ l-impjieg tiegħu hu kien jirraporta lil Twanny

Tabone u wara beda jirraporta lil Gabriel Wirth fejn dawn kienu jafu tajjeb illi Red October Limited kienet tixtri x-xorb mingħand Anthony Caruana & Sons u Wands Ltd.

"Wara certu zmien itterminawlu l-jedd tal-kommodat tal-maħzen u ta' l-uffiċċju li kienu tawh inizzjalment. Hu kien aċċetta, imma kien ċar li l-kumpanija attriċi kienet bdiet tħoss li kien qed joqrob iz-zmien li ma kellhomx bzonnu izjed ghax saru jafu lill-fornituri u lill-klijenti bizzejjed biex setghu jiddispensaw mis-servizzi tiegħu. Fit-tieni kuntratt li ġie iffirmat fis-7 ta' Marzu, 2003 u li kien ghal tliet snin jinghad illi "*The Employee shall be **<u>allowed to retain</u>** his shareholding in Red October Ltd".* Sussegwentement, f'Awissu tal-2004, l-atturi riedu jagħmlu ri-organizzazzjoni li skond il-pjan il-*General Managers* tas-sussidjarji kienu sejrin jibqgħu jgawdu dak il-grad, izda hu, li kien ser jispiċċa fi grad inferjuri li kien ftit għola minn *salesman.* F'dan il-kuntratt ingħata *demotion* għal "*Sales Manager*".
"Fil-ftehim tat-terminazzjoni tal-impjieg, hu assigura l-*goodwill* tiegħu lejn il-kumpanija attriċi meta aċċetta s-somma ta' Lm10,500 li tħallas. Qal izda li b'daqshekk ma jfissirx illi hu u l-familja tiegħu ma jistgħux jaħdmu u jgħixu għaliex tħallas ferm inqas minn sena paga ghad-demotion li riedet taghtih il-kumpanija.

"Qal li l-kumpanija attriċi kienet ipproponietlu ftehim ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' impieg fejn fih kien issemma li "*the employee, in accepting this payment undertakes for a period of 3 years from September 2004 not to actively seek representation of foreign agencies currently in the portfolio of the Company."* Dan il-ftehim hu irrifjutah u dak li ffirma kien dokument li fih wiegħed "*continued goodwill*".

"Qal li bil-"*continued goodwill*" jifhem li mhux ser jizvela l-informazzjoni li jaf dwar il-bejgh tal-kumpanija, dwar l-aqwa klijenti tal-kumpanija, dwar id-debituri tal-kumpanija, dak li jintqal f'laqgħat tal-bord u tal-*management* u simili. Semma li hu li qed jagħmel konċessjoni lill-kumpanija meta aċċetta Lm10,500, minflok ħa nofs is-salarju li kien baqgħalu jieħu sat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

“KUMMENTI TAL-KONSULENT LEGALI TAL-KONVENUT

“Il-konsulent legali tal-konvenut fin-nota tieghu kiteb is-segwenti:

““Preliminarjament, l-esponent jissolleva li ma ġiex notifikat bl-affidavits ta’ Adrian Tonna, Paul Ciantar, Geoffrey Borg, Paul Rapa, George Micallef, Robert Farrugia u Philip Sammut, u b’digriet kamerali, din il-qorti ċaħdet rikors tal-1 ta’ Settembru, 2009, sabiex l-esponent “jingħata l-opportunita li jikkontrolla l-istess xhieda, u b’nota jgħid jekk jixtieqx jikkontroezamina l-istess xhieda fl-udjenza tat-18 ta’ Novembru, 2009”. Għalhekk l-esponent qed jagħmel din in-nota mingħajr riferenza għal dak li seta’ intqal minn dawn ix-xhieda, għaliex hu ma kellu ebda opportunita` jikkontrolla l-istess xhieda, u għal kull buon fini qiegħed jirriserva l-posizzjoni tiegħu.”

“Il-Qorti tirrileva li kemm-il darba fil-kors tal-kawza hu ma deherx ghas-seduti iffissati bl-appuntament b’nuqqas ta’ rispett lejn il-Qorti. Xorta wahda gie moghti l-opportunitajiet kollha. F’okkazjoni l-kawza giet differita ghas-sentenza u fuq rikors tieghu regghet ippermettietlu jaghmel provi ohra estensivi. Il-Qorti pero` ghandha l-obbligu li tmexxi l-kawza ’l quddiem u mhux tistenna l-kumdita` ta’ Avukat li jmexxi kif jidhirlu b’hafna dewmien inutili.

**“D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***“D1. Fatti fil-qosor:***

“Illi l-fatti fil-qosor li wasslu ghal din il-kawza huma li wara li l-konvenut kien gie impjegat bhala *General Manager* mas-socjeta` attrici (li dak iz-zmien kien jisimha Anthony Caruana & Sons Limited) ghall-perjodu definit ta’ tliet snin dekorribbli bejn it-13 ta’ Marzu 2003 u t-12 ta’ Marzu 2006 u dana permezz ta’ kuntratt ta’ impjieg tas-7 ta’ Marzu 2003 (fejn kien responsabbli ghall-bejgh u *marketing* tal-varji prodotti li kienet timporta l-istess socjeta`, ghat-tfassil ta` *policies* taghha, ghall-impjegati kollha taghha, kif ukoll

kien depozitarju ta’ kull informazzjoni relatata man-negozju u l-impjegati tas-socjeta attrici) il-partijiet qablu li jitterminaw dan il-kuntratt ta’ impjieg permezz ta’ skrittura privata iffirmata bejniethom fis-27 ta’ Settembru 2004.

“Is-socjeta` attrici allegat li l-konvenut in segwitu li kien gie meqjus bhala fiducjarju fis-sens kontemplat fl-artikolu 1124A tal-Kap 16 xerred notizzji li kienu jaghmlu u jistghu jaghmlu hsara lis-socjeta` attrici u dan bi ksur ta’ l-artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc. Is-socjeta` attrici allegat li l-konvenut kien qieghed javvicina klijenti u fornituri ta’ l-istess socjeta` attrici bl-iskop illi ma jkomplux jaghmlu negozju mas-socjeta` attrici izda jibdew jaghmlu negozju mal-konvenut jew mas-socjeta` Red October Limited (C 21883) li fiha l-istess Caruana huwa kemm azzjonist maggoritarju kif ukoll direttur. Dan l-agir ghamlu wkoll bi ksur ta’ l-iskrittura ta’ terminazzjoni datata 27 ta’ Settembru 2004. Ziedet li hu kien qieghed javvicina impjegati ta’ l-istess socjeta` attrici bl-iskop illi dawn jitterminaw l-impjieg taghhom mas-socjeta` attrici u jimpjegaw ruhhom mieghu.

“Min-naha tieghu l-konvenut sostna li l-fatti ma joholqux l-obbligu fiducjarju kontemplat fl-art 1124A tal-Kodici Civili, li fuqu hija ibbazata din il-kawza. Cahad kemm li xerred notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-kumpanija, kif ukoll l-allegazzjonijiet l-ohra.

***“<u>D2. Ksur ta’ l-obbligazzjonijiet fiducjarji:</u>***

“L-Artikolu 1124A (1) tal-Kodici Civili jghid hekk:

““Obbligazzjonijiet fiducjarji jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, kwazi kuntratt, *trust*, assunzjoni ta’ kariga jew imgieba fejn persuna (il-"fiducjarju") –

“(a) ikollha d-dmir li thares l-interessi ta’ persuna ohra, jew

“(b) izzomm, tezercita kontroll jew ikollha setghat ta’ disponiment fuq proprjetà ghall-beneficcju ta’ persuna

ohra, inkluz meta din tkun vestita bhala sid ta’ dik il-proprjetà ghal dan l-ghan, jew

“(c) tircievi taghrif minghand persuna ohra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fic-cirkostanzi kollha b’mod ragonevoli ghandha tkun taf, li l-uzu ta’ dak it-taghrif huwa intiz li jkun ristrett.”

“Il-fiducjarju huwa obbligat li jzomm taghrif li jircievi b’mod kunfidenzjali. Hu ghandu d-dover ta’ lealta` fl-amministrazzjoni u li jhares l-interessi tal-persuna li tkun inkarigatu. Ghandu jiehu hsieb ta’ l-affarijiet ta’ min qabbdu b’mod onest u b’kontabilita` u lealta`. Ghandu jezercita d-diligenza ta’ *bonus pater familias* biex iwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu u m’ghandux ikollu konflitti ta’ interess. Ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta’ min qabbdu. M’ghandux jircievi xi profitt mhux awtorizzat.

“Issa, il-konvenut isostni li fil-kariga tieghu ma nholqitx obbligazzjoni fiducjarja kif definita fl-artikolu 1124A tal-Kap 16. Hu jsostni li tali artikolu mhux applikabbli minhabba li dan l-artikolu gie introdott fil-Kodici Civili permezz ta’ Att XIII ta’ l-2004.40 u li dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 2005, u ghalhek certament ma setax assuma obbligi fiducjarji in virtu` ta’ kuntratti ta’ impjieg tieghu tat-13 ta’ Marzu 2000 u 7 ta’ Marzu 2003, kif ukoll tad-Dokument ACS2 fejn il-konvenut assuma obbligu ta’ *continued goodwill* iffirmat fis-27 ta’ Settembru 2004.

“Min-naha taghha s-socjeta` attrici irriferiet ghas-segwenti:

“a) Bil-kuntratt ta’ impieg milhuq bejn il-partijiet, il-konvenut gie impost bid-dmir li, “*the Employee shall dedicate the full necessary time, care and diligence towards the proper fulfilment of the duties involved (reference Appendix ‘A’)*.”;

“b) Bil-hatra tieghu ta’ *General Manager* u cioe` bit-tmexxija tal-kumpanija fejn naturalment kellu access ghal informazzjoni u bil-konnessjoni ma’ fornituri barranin u b’informazzjoni dwar prezzijiet ta’ xiri u bejgh kif ukoll

kundizzjonijiet specifici ta' kumpraturi, cioe` konoxxenza ta' *sales figures* u *commercial conditions*;

"c) Bit-tieni kuntratt tas-7 ta' Marzu 2003;

"d) Il-konnessjoni ta' kuljum ma' impjegati ta' Wands, specjalment dawk li kienu jahdmu mieghu.

"Fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut kiser dawn l-obbligazzjonijiet billi beda jaghmel uzu mill-informazzjoni li kellu access ghaliha meta kien ghadu impjegat mas-socjeta` attrici u avvicina rapprezentanti ta' l-Averna u Wenneker. L-istess socjeta` attrici ssostni li l-konvenut ipprovda lill-Averna dettalji dwar ristrutturazzjoni interna li kienet qed issir f'Simonds Farsons Cisk Group, bil-konsegwenza li din itterminat ir-relazzjoni taghha mas-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici gabet il-provi li l-konvenut ghadda informazzjoni lill-*wholesalers* dwar ir-ristrutturazzjoni interna. Irrizulta wkoll li numru ta' impjegati telqu lis-socjeta` attrici u marru jahdmu mieghu. Is-socjeta` attrici irreferiet ghall-ftehim finali dwar il-weghda tal-*continued goodwill towards the company* u li Caruana nghata Lm10,500. L-istess kumpanija attrici irreferiet ghall-ksur da parti tal-konvenut ta' l-artikolu 1124A (5).

"Il-konvenut isostni li biex jinholqu l-obbligi fiducjarji jrid ikun hemm cirkostanzi specjali, inkluz il-grad ta' impjegat. L-inkarigu originali tieghu kien ta' *General Manager* ghal tliet snin bejn it-13 ta' Marzu 2000 u t-12 ta' Marzu 2003. Jirreferi ghall-fatt ta' l-obbligi assunti minnu ghal *non-competiton* għall-perjodu ta' sena wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mal-kumpanija attriċi, liema patt kien ġie mħassar u kanċellat permezz ta' l-Art. 10 tat-tieni kuntratt ta' impjieg, i.e. Dok. ACS 1, datat 7 ta' Marzu, 2003, li jgħid kif ġej:

""*This contract constitutes the entire and sole agreement between the parties with regard to the subject matter hereof and supersedes, cancels and annuls all prior oral or written agreements between the Parties in relation to the engagement with the Employee*."

"Jinghad li jemergi b'mod car li kull impjegat ghandu obbligu ta' fedelta` lejn min jimpjegah matul iz-zmien ta' l-impieg u dan iffisser li kull impjegat għandu jagixxi in *buona fede* u ma jistax iqarraq b'min jimpjegah. Dan l-obbligu ta' fedelta` gie spjegat kif gej mill-*Alberta Court of Queen's Bench* fl-ismijiet **CRC-Evans Canada Ltd vs Pettifer ((1997), 197 A.R. 24 (Q.B.)):**

*""it has long been accepted that there is a fundamental term implied in every contract of employment. The employee is expected to serve his employer honestly and faithfully during the term of his employment. This duty of fidelity permeates the entire relationship between employer and employee. It is a flexible concept that is paramount to the basic relationshhip. There is an implied obligation placed upon the employee to act in the best interests of the employer at all times. The employee shall not follow a course of action that harms of places at risk the interests of the employer."*

"Il-konvenut jopponi ghall-asserzjoni tas-socjeta` attrici li ssostni li l-kariga tal-konvenut bhala *General Manager* tas-socjeta attrici min-natura tagħha "timponi obbligazzjonijiet fiduċjarji".

"Il-Qorti sejra tikkwota dak li qal il-konvenut fin-nota tieghu meta ikkwota mill-**University of Nottingham vs Fishel [2000] ICR 1462, 1491** fejn semma li fil-qrati tal-*common law*, minn fejn impurtajna l-kuncett ta' *Fiduciary Obligations* flimkien mal-kuncett tat-*Trusts* bl-emendi li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2005, jghidu kif gej:

*""the employment relationship is obviously not typically fiduciary at all. Its purpose is not to place the employee in a position where he is obliged to pursue his employer's interests at the expense of his own. The relationship is a contractual one and the powers imposed on the employee are conferred by the employer himself. The employee's freedom of action is regulated by the contract, the scope of his powers is determined by the terms of the contract and as a consequence, the employer can exercise*

*considerable control over the employee's decision-making powers...[fiduciary obligations arise] not as a result of the mere fact that there is an employment relationship. Rather they result from the fact that within a particular contractual relationship there are specific contractual obligations (express or implied) which the employee has undertaken which have placed him in a situation where equity imposes these rigorous duties in addition to the contractual obligations. Where this occurs, the scope of the fiduciary obligations both arises out of and is circumscribed by the contractual terms*".

"Il-Qorti taqbel ma' dak li qal il-konvenut li l-obbligi fiducjarji huma dovuti lill-kumpanija minn diretturi jew *officer* tal-kumpanija u mhux minn impjegat *nonostante* l-livell gholi tieghu fl-istess socjeta` (**Korbond Industries Ltd vs Jenkins** [1992] 1 ERNZ 1141, fejn l-impjegat kien "*senior managerial employee with overall supervision of a branch division and control of merchandisers"*). Hemm distinzjoni bejn min ikun jokkupa pozizzjoni gholja ghal min ikun *decision maker*, ossija fid-direttorjat tal-kumpanija. Fil-kaz imsemmi l-Qorti hasset li *senior employee* m'ghandux obbligi ta' fiducjarju lejn min jimpjegah. Din il-Qorti taqbel mal-konvenut ghax ma irrizultax li hu kellu responsabbilta` tal-*policy making* jew li kien direttur tas-socjeta` attrici. Fil-kuntratti ta' l-impjieg tal-konvenut jissemma li hu kellu "*liasing with and/or reporting to the Managing Director*" u kien obbligat *to act pursuant to instructions/policies as decided and delegated by the Board of Directors* kif kien hemm miktub fil-*Job Description* ta' l-ewwel kuntratt ta' impieg (Appendix C ta' Dok. CCT 2).

"Ukoll huwa interessanti dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell ta' Manitoba f'**W.J. Christie & Co. vs Greer** ((1981), 121 D.L.R. (3d) 472 (Man. C.A.):

*""There is nothing to prevent an ordinary employee from terminating his employment, and normally that employee is free to compete with his former employer. The right to compete freely may be constrained by contract…But it is different for a director/officer/key management person*

*who occupies a fiduciary position. Upon his resignation and departure, that person is entitled to accept business from former clients, but direct solicitation of that business is not permissible. Having accepted a position of trust, the individual is not entitled to allow his own self-interest to collide and conflict with fiduciary responsibilities. The direct solicitation of former clients traverses the boundary of acceptable conduct.”*

“Jinghad li l-Qrati lokali irrifjutaw li jirrikonoxxu kuntratti *in restraint of trade* bhal kif gie deciz fil-kawza ta’ **Attilio Vassallo Cesareo et noe vs Tony Cilia Pisani**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar 2003, kif ukoll **Charles Attard vs Carmela Frendo**, deciza mill-istess Qorti fl-istess data. Fis-sentenza **Vassallo vs cilia Pisani** fuq imsemmija nghad:

““Ghal dak li jirrigwarda stipulazzjonijiet bejn principal u impjegat f’kuntratt ta’ impjieg dawn il-principji rcevew applikazzjoni. Dan fis-sens illi filwaqt li gie rikonoxxut id-dritt ta’ min ihaddem illi jipprotegi l-interessi kummercjali tieghu ghad dawk li huma ‘*trade secrets*’ u li jinibixxi ‘*the misuse by the employee of his acquaintance with the employer’s clients or customers’ eppure* il-kostringiment irid ikun relatat man-natura ta’ l-impjieg fejn allura min ihaddem jigi akkordat harsien akbar fil-kaz ta’ impjegat f’kariga gholja, *ad exemplum*, ‘*managing director’*. Inoltre l-patt tar-*restraint* irid jillimita l-attivita` lavorattiva jew industrijali ta’ l-impjegat ghal zmien jew cirkondarju determinat li ma jkunx irragjonevoli;…”

“Fil-kawza **Joseph Xerri noe vs Brian Clarke**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta’ Lulju 1969, inghad:
*““it may safely be asserted that if clauses in restraint of trade may be impugned at all – and they certainly can in deserving cases – the heading under which an exercise of this sort may be attempted is Sec. 985 (qabel 1028) of the Civil Code which provides that things which are impossible, or prohibited by law, or contrary to morality, or to public policy, may not be the subject matter of a contract”.*

“F’dan il-kaz il-Qorti kienet tat piz qawwi lill-principji generali ta’ interess pubbliku. Dwar dan l-aspett il-konvenut jirreferi wkoll ghal dak li kiteb il-**Baudry “Trattato Teorico-Pratico Di Diritto Civile**”, Vol XXI-51-1712.

“Ghalhekk il-Qorti thoss, anke in vista tal-fatt ta’ meta dahal in forza l-artikolu 1124A, li ma kienx hemm l-obbligu fiducjarju fuq il-konvenut ghax il-ligi ma kenitx *in vigore* meta sehhew il-fatti, kif ukoll li l-kariga tal-konvenut ma kenit wahda ta’ *policy maker* minn Direttur. Ghalhekk il-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

***“D3. Ksur ta’ l-artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc:***

“L-Artikolu 34 (1) tal-Kodici tal-Kummerc jghid:

““il-kummercjanti ma jistghux, ghal skop ta’ konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta’ kummercjanti ohra.”

“Fil-kawza **Joseph Vella noe vs Anthony Guillaumier et *noe*** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-1 ta’ Dicembru, 2000 [LXXXIV-II-I-II-14] il-Qorti irriteniet illi l-attur kellu jipprova li l-konvenut kien xandar notizji u li dawn in-notizji setghu jaghmlu hsara lill-industrija ta’ haddiehor. Minn zmien il-Qrati dejjem bhala regola irritenew b’xi eccezzjonijiet rari fejn ic-cirkostanzi kienu wkoll diversi li wiehed ikollu agenzija anke esklussiva ghall-importazzjoni ta’ oggetti ma kenitx teskludi l-possibilita` li haddiehor jimporta l-istess oggetti f'Malta u li dan l-att fih innifsu ma kienx jammonta ghal konkorrenza zleali. Jekk hu lecitu li wiehed jimporta merkanzija biex ibieghha f'Malta *nonostante* li haddiehor kellu l-agenzija anke jekk esklussiva ghall-importazzjoni ta' dak it-tip ta’ merkanzija, daqstant iehor huwa lecitu li wiehed jirreklama l-istess merkanzija ghall-bejgh. Jista’ biss jitqies li hekk qed jaghmel jekk f'dak ir-reklamar ikun qed ixerred notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija u dik il-hsara ma tistax tigi identifikata mill-fatt biss ta’ importazzjoni ghax dak hu lecitu.

“Fil-kawza **Edward Vincenti Kind *pro et noe* vs Joseph Manche Pro *et noe*** deciza fl-10 ta’ Dicembru 1957 [XLI-III-1259] mill-Qorti tal-Kummerc inghad li mhuwiex necessarju li n-notizzji divulgati jkunu foloz u l-anqas huwa necessarju li l-kummercjant li jsofri d-dannu jipprova li huwa sofra danni:

““Wahda mill-figuri ta' konkorrenza sleali kontemplati mill-ligi taghna hija d-diffuzjoni, maghmula ghal skop ta' konkorrenza, ta' notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjant iehor.  Il-ligi taghna **ma tezigix illi l-fatti divulgati jkunu falsi**, u tippunixxi anki d-diffuzjoni ta' fatti veri; il-verita' jew falsita' tal-fatti attribwiti tista' biss tinfluwixxi fuq il-magguri jew minuri mizura tas-sanzjoni li tigi applikata ghall-kaz. Pero', il-ligi trid l-intenzjoni specifika fil-propalatur, jigifieri f'dak li jaghmel il-konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element jigi dezunt mill-kumpless tac-cirkustanzi, u huwa mholli ghall-arbitriju prudenzjali tal-gudikant.  Meta l-kummercjant li sofra l-konkorrenza sleali jaghzel l-azzjoni ghall-penali, ma ghandux bzonn jipprova hlief il-fatt vjolatur, minghajr in-necessita' li jipprova li huwa sofra danni.  Il-penali ma ghandhiex tkun anqas minn Lm10, imma mhux izjed minn Lm500; u din il-latitudini hija necessarja, biex il-gudikant ikun jista' japplika dik il-penali li tkun tidhirlu l-aktar adegwata skond il-kaz partikulari, billi jiehu in konsiderazzjoni l-kobor tal-fatt, iz-zmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u c-cirkustanzi partikulari l-ohra ta' kull kaz.”

“Is-sentenza fl-ismijiet **Alfred Gera & Sons Limited vs Mario Casingena et** deciza fit-8 ta’ Ottubru 2004 minn din il-Qorti diversament presjeduta [Imh. Valenzia] stabbiliet erba’ elementi necessarji ghas-success ta’ azzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 34.  Dawn l-elementi huma s-segwenti:

“i. Il-konvenut irid ikun kummercjant.;

“ii. Huwa jrid ikun agixxa b’intenzjoni specifika;

“iii. Irid ikun hemm tixrid tan-notizji; u

"iv. Li dan it-tixrid tan-notizji jrid ikun jista' jaghmel hsara lin-negozju ta' l-attur.

"Fin-nota tieghu l-konvenut qabel li dawn huma l-elementi li jridu jiġu ippruvati sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' konkorrenza zleali.

"Dwar din is-sentenza l-konvenut hass il-bzonn li jikkwota din il-parti biex jenfasizza l-elementi msemmija:

""l-intenzjoni tal-konvenut fit-tixrid tan-notizji dwar l-attur jew il-prodotti tal-attur trid tkun ghall-iskopijet ta' konkorrenza sabiex jitqies li kien hemm konkorrenza illeċita. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Mizzi vs Vella**' (22.1.1968) qalet is-segwenti: "Element essenzjali ghall-figura tal-konkorrenza sleali kontemplata fl-Artikolu 38 (issa 34) tal-Kodiċi tal-Kummerċ huwa l-iskop tal-konkorrrenza sleali. Il-ligi tirrikjedi l-intenzjoni speċifika f'min jippropaga l-fatti, jiġifieri l-intenzjoni li jagħmel konkorrrenza sleali." Li qalet ukoll: "Ikun hemm l-iskop ta' konkorrenza kull meta l-att kontemplat f'dik id-disposizzjoni jsir, fl-ezerċizzju u in konnessjoni ma' l-ezerċizzju tal-kummerċ jew industrija ta' kummerċjant bl-iskop li jippromuovi l-interessi tieghu". Meta it-tixrid ta' notizzji isir fl-ezerċizzju tan-negozju jitqies li jkun hemm l-intenzjoni li wieħed jikkompeti jew jikkonkorri. Il-Qrati dejjem irritenew li l-intenzjoni li wieħed jikkompeti jew jikkonkorri jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull kaz..." Il-ligi trid illi l-intenzjoni speċifika fil-propagaturi, jigifieri f'dak li jagħmel il-konkorrenza sleali, u l-apprezzament ta' dan l-element jigi dezunt mill-kumpless taċ-ċirkostanzi u huwa mħolli għall-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant" (**Vincenti Kind vs Manche** 10.13.1957 Vol. XLI.iii.1259)."

"Issa r-reputazzjoni jew *il-goodwill* fid-dinja tal-kummerc huma ta' valur inestimabbli u l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 34 trid tipprotegi dan id-dritt propjetarju.

"Il-konvenut irid ikun mhux biss kummercjant izda wkoll kompetitur tas-socjeta`attrici; *inoltre* l-intenzjoni specifika rikjesta fit-tieni element tirrizulta ippruvata bis-semplici

prova li t-tixrid tan-notizzji in kwistjoni jservu ghall-fini ta' konkorrenza bejn is-socjeta` attrici u l-istess kummercjant.

"L-intenzjoni tal-konvenut fit-tixrid tan-notizji dwar l-attur jew il-prodotti tal-attur trid tkun ghall-iskopijet ta' konkorrenza sabiex jitqies li kien hemm konkorrenza illecita. Il-konvenut irid ikollu l-iskop li jippromuovi l-interessi tieghu. Il-ligi ma tirrikjedix li jrid ikun hemm l-intenzjoni li jigu kawzati danni, id-danni huma biss konsegwenza tat-tixrid tan-notizji izda min jaghmel dan l-agir mhux necessarjament irid ikollu l-intenzjoni li jikkawza danni, huwa sufficjenti li jigi pruvat li huwa agixxa b'dak il-mod ghall-iskopijiet ta' konkorrenza.

"Hu wkoll necessarju li jkun hemm tixrid tan-notizji divulgat lil diversi nies. Dan it-tixrid tan-notizji irid ikun jista' jaghmel hsara lin-negozju ta' l-attur.

"Fl-azzjoni kontemplata mill-artikolu m'huwiex necessarju li jigi ippruvati d-danni. Ikun hemm kaz ta' konkorrenza zleali anki meta n-notizji jistghu jaghmlu hsara u ghalhekk mhux ta' htiega li dawn in-notizji waslu sabiex jikkawzaw il-hsara intiza. Il-konkorrenza zleali tezisti anki meta kummercjant ixerred notizji li jkunu veri.

"Dwar il-kaz in ezami l-konvenut isostni li l-ilment ta' l-atturi assolutament ma jinkwadrax ruħu fit-tifsira legali tal-kunċett ta' konkorrenza zleali.

"Izda fil-kaz in ezami jirrizulta li:

"a. l-konvenut huwa kummercjant u bil-kumpanija tieghu Red October Limited sar konkorrent tas-socjeta` attrici.

"b. Huwa sekondarjament evidenti li l-konvenut agixxa bl-iskop ta' konkorrenza u cioe` bl-iskop li javvantaggja lilu nnifsu u l-kumpanija tieghu. It-tixrid tan-notizzji in kwistjoni servew ghall-fini ta' konkorrenza bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut - it-tieni element [ta' intenzjoni specifika].

"c. Dwar it-tielet rekwizit mix-xhieda prodotti, jirrizulta fil-fatt illi malli Christopher Caruana kien iddecieda li ma jibqax impjegat mas-socjeta` attrici hu beda jxerred notizzji li ghamlu hsara lill-kummerc ta' l-istess socjeta` attrici bl-iskop li jigbed lin-nies lejh fix-xoghol tieghu, u ghalhekk ghall-fini ta' konkorrenza. Dan jirrizulta mill-affidavit ta' Robert Farrugia, distributur u *wholesaler* ta' prodotti tax-xorb li semma li Caruana avvicinah u qallu biex jixtri minghandu.

"d. L-element tal-hsara jirrizulta ghax il-prodotti li kienet tbigh Anthony Caruana & Sons Limited ser jergghu jmmorru lura ghand il-konvenut. Irrizulta li wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-konvenut ditta li kienu jirraprezentaw huma bhala Anthony Caruana & Sons li kienu hadu meta sar l-akkwist ta' l-ishma, wara li giet infurmatna bis-sistema l-gdida ta' bejgh ma kenitx taqbel ghall-kumpanija taghha u li kienet se tittermina r-rapprezentazzjoni ta' l-agenzija ma' Anthony Caruana & Sons b'effett immedjat u se tghaddiha lil Christopher Caruana. Tabone kien irrileva li l-istruttura kienet ghada ma bdietx tahdem u lanqas kienu ghadhom dahlu fid-dettall ma' dik il-kumpanija partikolari kif se tahdem l-istruttura l-gdida. Tabone kien zied jghid li agenziji ta' Wands li wkoll gew ristrutturizzati fil-mod li gew ristrutturati l-prodotti ta' Anthony Caruana & Sons hadd minnhom ma wera dubji. Dan ukoll jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Ciantar li spjega dwar l-incertezza li kienet irrizultat wara li l-konvenut kien qal lill-*wholesalers* li prodotti li kienet tbigh Anthony Caruana & Sons Limited ser jibda jbighhom hu. L-istess irrizulta mid-depozizzjoni ta' George Micallef.

"Fin-nota tieghu l-konvenut isostni li:

""dawn baqgħu sempliċi allegazzjonijiet li ma ġewx korroborati. Ma inġiebu l-ebda *accounts* li juru li il-bejgħ fil-fatt naqas, jew ***kif*** saret il-ħsara jew x'kien il-vantaġġ ottenut mill-konvenut bit-tixrid ta' din in-notizja bi ħsara tar-reputazzjoni u mill-*goodwill* tal-kompetituri."

"Biss il-Qorti ma thossx li kien necessarju li jigu prodotti l-*accounts* fuq dan l-aspett ghax huwa ovvju li jekk prodott li

jimxi sew fuq is-suq ma jibqax jimbiegh jew jiehdu haddiehor l-impatt ekonomiku tieghu jkun hemm. Hu ovvju li l-bejgh tal-prodott jonqos. Il-konvenut jinsisti wkoll li ma saret ebda prova meta saret din il-hsara izda din ukoll tirreferi ghal qabel ma giet istitwita l-kawza u ghal meta nholoq id-dizgwid bejn il-partijiet u ghalhekk xorta wahda hi specifikata ghal meta tirreferi.

“Biex jissussisti dak li tghid il-ligi ma hemmx bzonn li jkun hemm id-denigrazzjoni tal-prodott. Minhabba dawn in-notizzji li l-konvenut xerred s-socjeta` attrici sofriet dannu minn zewg aspetti, u cioe`: (a) ghal perijodu limitat kien hemm incertezza fis-suq bil-konsegwenza li naqas il-bejgh taghha u (b) kien hemm ukoll telf ta’ ditti mis-socjeta` attrici li kienet tirraprezentahom lokalment.

***“D4. Nuqqas tal-konvenut li josserva l-provvedimenti fil-kuntratt ta’ l-impieg tas-7 ta’ Marzu 2003***

“Is-socjeta` attrici tallega ksur tal-provvedimenti fil-kuntratt tal-impjieg datat 7 ta’ Marzu 2003, kif ukoll il-provvedimenti fil-kuntratt ta’ terminazzjoni ta’ l-impjieg tal-konvenut datat 27 ta’ Settembru 2004. Talbet ukoll li jigu likwidati d-danni konsegwenti.

“Sostniet li fil-kuntratt ta’ impjieg tas-7 ta’ Marzu 2003 jinghad:

*““The Employee binds himself not to reveal, at any time, to unauthorised third parties, any confidential information to which he will have access.”*

“Izda hawnhekk il-Qorti thoss l-obbligu li tirrileva hi stess li ma saru ebda provi fuq zvelar lil *“third parties”*. Jekk xi haga kien hu stess li ggwadanja u mhux *third parties*. Ghalhekk taht dan l-aspett l-azzjoni attrici fuq dan l-aspett ma tirnexxix.

“Is-socjeta` attrici sostniet ukoll li l-konvenut ghamel uzu minn informazzjoni kunfidenzjali tas-socjeta` attrici fil-pussess tieghu u dan biex jiehu vantagg personali minnu, kemm meta ghamel kuntatt mad-ditti li kien jahdmu mas-socjeta` attrici kif ukoll meta xerred informazzjoni

kunfidenzjali dwar ir-ristrutturazzjoni li kienet qed issehh fi hdan is-Simonds Farsons Cisk Group.

“Is-socjeta` attrici sostniet ukoll li l-kuntratt ta’ terminazzjoni tal-impjieg datat 27 ta’ Settembru 2004 jipprovdi ukoll li:

*““the employee in accepting this payment [Lm 10,500] assures his continued goodwill towards the Company…”*

“Fil-kors tal-kawza irrizulta li l-konvenut uza l-istess informazzjoni a detriment tas-socjeta` attrici u a beneficcju tieghu personali.  Minhabba dan l-attrici ssostni li l-konvenut gie moghti s-somma ta’ €24,458.42 (Lm10,500) bhala garanzija tal-*continued goodwill* lejn is-socjeta` attrici fil-kuntratt ta’ terminazzjoni ta’ l-impieg, liema *continued goodwill* Caruana ma osservax.

“Issa l-konvenut laqa’ ghal dan l-aspett billi qal li kien ilu jafhom minn tfulitu.  Dan huwa certament veru izda kien thallas mis-socjeta` attrici meta sar  it-trasferiment ta’ l-ishma u ghalhekk din l-informazzjoni ma setax juzaha aktar.  Kuntrarjament ghal dak li sostna li r-riorganizzazzjoni kienet informazzjoni pubblika, mhux konfidenzjali, irrizulta mid-deposizzjoni ta’ Tabone u Farrugia li dan mhux minnu.  Il-fatt li din l-informazzjoni giet zvelata lill-bord tad-diretturi li jikkomprendi diversi nies xorta wahda jhalli l-informazzjoni kunfidenzjali.  Ukoll li wara li tiffirma l-ftehim imsemmi u tithallas somma ghal *continued goodwill* u wara tiehu diversi impjegati mieghek certament ma jammontax ghal *continued goodwill*.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi talab lil din il-Qorti:

“… … sabiex, wara li tikkonferma s-sentenza in kwantu laqghet l-eccezzjoni tal-appellanti illi l-fatti li jaghtu lok ghal dan il-kaz ma joholqux l-obbligu fiducjarju, u b’hekk ghaddiet sabiex tirrigetta kull talba konnessa ma’ dak l-obbligu fiducjarju, u wara illi tirriforma d-digriet tal-ewwel Qorti tat-23 ta’ Settembru 2009, li biha cahdet ir-rikors tal-appellanti billi tghaddi sabiex tordna l-isfilz tal-affidavits

tal-*affidavits* tax-xhieda prodotti mill-appellati, u cioe` ta' Adrian Tonna, Paul Ciantar, Geoffrey Borg, Paul Rapa, George Micallef, Robert Farrugia, u Philip Sammut, li bihom l-appellanti ma giex notifikat, u li l-appellati ma ipprova f'ebda stadju li jinnotifika lill-appellanti bihom, tghaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi, ghar-ragunijiet migjuba f'dan l-appell, thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha laqghet it-talba tal-atturi li bl-agir tieghu l-appellanti ghamel konkorrenza zleali mal-appellanti bi ksur tal-Art. 34 tal-Kodici tal-Kummerc, kif ukoll thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellanti gie kkundannat ihallas lill-appellati s-somma ta' €10,000 in linea ta' danni u dan billi ma giex muri li fil-fatt gew sofferti danni, u mill-bqija tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha kontra l-appellati."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Settembru 2010 billi (i) fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta` esponenti u tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bl-agir tieghu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili u li b'dan in-nuqqas ikkaguna danni ghad-detriment tas-socjeta` u ghamel gwadann illecitu li dwaru jrid jaghti kont lill-appellant sabiex jroddlu lura l-istess gwadann sal-limitu determinat mill-Qorti. Konsegwentement ukoll tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas l-istess; u (ii) u fit-tieni lok tvarja l-likwidazzjoni tad-danni taht it-tielet kap tas-sentenza appellata billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` esponenti l-ammont ta' erba' u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€24,458.42)."

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-appell incidentali tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tichad l-appell incidentali tal-kumpannija Farsons Beverages Imports Company Limited, u dan skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha xierqa u opportun, bl-ispejjez kollha kontra l-istess kumpannija."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi fil-qosor, il-fatti li wasslu ghal din il-kawza jemergu minn ftehim milhuq fit-12 ta' Marzu 2000 meta missier il-konvenut, Anthony Caruana, biegh is-socjeta` tieghu, Anthony Caruana & Sons Limited, kumpanija involuta fil-qasam tal-importazzjoni tax-xorb, lill-Simonds Farsons Cisk p.l.c, b'mod li l-kumpanija mixtrija saret membru mill-Farsons grupp pero`, thalliet tkompli topera taht l-isem taghha. Il-konvenut inzamm fl-impieg u inghata kuntratt definit ghal tliet (3) snin, fil-kariga ta' General Manager, bl-obbligu li jirrapporta lill-bord tad-diretturi jew id-delegat taghha. Kien miftiehem li tul iz-zmien tal-ingagg tieghu, u ghal sena wara, il-konvenut ma jikkompetix mas-socjeta` attrici.

Il-konvenut thalla, pero`, jibqa' jmexxi l-kumpanija tieghu, Red October Ltd, li ghal diversi snin kienet tixtri x-xorb minghand is-socjeta` attrici.

Meta skada l-kuntratt ta' impieg, gie miftiehem kuntratt ta' impieg iehor ghall-tliet (3) snin ohra mis-7 ta' Marzu 2003. F'dan il-kuntratt, il-konvenut gie mitlub jirrapporta lill-General Manager ta' Wands Ltd, kumpanija ohra fil-grupp Farsons u ma kienx hemm kundizzjoni restrittiva fuq l-attivita` tal-konvenut kif kien hemm fil-kuntratt precedenti. Il-konvenut rega' thalla jzomm l-ishma li kellu fis-socjeta` Red October Ltd.

F'Awwissu tal-2004, inbeda process ta' re-organizzazzjoni fil-kumpaniji tal-grupp Farsons, u l-*job description* tal-konvenut kienet se tinbidel ghal *sales manager*.

Il-konvenut ma accettax dan u bdew jiddiskutu ftehim ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu. Is-socjeta` attrici riedet torbot lill-konvenut sabiex ghal zmien tliet (3) snin, il-konvenut jintrabat *“not to actively seek representation of foreign agencies currently in the portfolio of the company”*. Il-konvenut ma accettax din il-kundizzjoni, u fl-ahhar gie ffirmat ftehim ta’ terminazzjoni ta’ impieg fis-27 ta’ Settembru 2004, fejn il-konvenut accetta li jibqa’ jaghti *“his continued goodwill”* lis-socjeta` attrici; fuq dan il-kuntratt, il-konvenut inghata hlas tas-somma ta’ ghaxart elef u hames mitt Lira Maltin (Lm10,500) (ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, erbgha mija, tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmi [€24,458.42]).

Is-socjeta` attrici tallega li, wara dan il-ftehim, il-konvenut beda jxerred notizzji li jaghmlu u jistghu jaghmlu hsara lis-socjeta` attrici bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc, u agixxa wkoll bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu kif issa riflessi fl-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili u bi ksur tal-kuntratti li gew iffirmati.

Is-socjeta` attrici, qed titlob il-penali minhabba ksur tal-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc, u danni civili minhabba ksur tal-obbligazzjoni fiducjarji skont l-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili, u danni minhabba agir bi ksur ta’ diversi provvedimenti tal-kuntratt ta’ impieg tas-7 ta’ Marzu 2003 u tal-kuntratt ta’ terminazzjoni tal-impieg tas-27 ta’ Settembru 2004.

L-ewwel Qorti, wara li qieset il-provi, sabet li l-konvenut verament agixxa bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc, izda mhux li agixxa bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu fit-termini tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili, peress li dan l-artikolu dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 2005 u allura ma kienx in vigore meta sehhew il-fatti. L-ewwel Qorti sabet ukoll li l-konvenut naqas milli josserva l-provvedimenti tal-kuntratt tal-impieg u tal-kuntratt ta’ terminazzjoni ta’ impieg: b’hekk ikkundannatu jhallas penali ta’ elf, mija, hamsa u sittin Euro (€1,165) u danni fl-ammont ta’ ghaxart elef Euro (€10,000).

Mis-sentenza appellaw iz-zewg partijiet, il-konvenut principalment mill-partijiet tas-sentenza fejn instab responsabbli ta' agir obbuziv u fejn gie ordnat ihallas penali u danni, u s-socjeta` attrici incidentalment u qed tilmenta mill-parti tas-sentenza fejn giet michuda t-talba taghha ghad-danni minhabba ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji u mill-*quantum* tad-danni.

Qabel ma l-Qorti titratta l-meritu trid tiddeciedi l-lanjanza tal-konvenut marbut mad-digriet tal-ewwel Qorti tat-23 ta' Settembru 2009. Jirrizulta li wara li s-smiegh tal-provi kien inghalaq, il-konvenut b'rikors tal-11 ta' Settembru 2009 talab illi jaghmel il-kontro-ezami ta' persuni li xehedu permezz ta' affidavits, liema affidavits kienu gew pprezentati fl-1 ta' Marzu 2006. Hu veru li ma jidhirx li dawn l-affidavits gew formalment notifikati lill-konvenut, pero`, l-istess konvenut ha konjizzjoni taghhom, tant li fl-udjenza tal-20 ta' April 2006 quddiem l-ewwel Qorti, l-avukat tieghu rrizerva d-dritt ghal kontro-ezami tal-istess xhieda. Wara dik is-seduta, saru diversi seduti ohra quddiem l-istess Qorti, u l-konvenut qatt ma ezercita d-dritt jew talab opportunita` li jaghmel il-kontro-ezamijiet li ried jaghmel, u ghalkemm jista' jinghad li kellu *"constructive knowledge"* tal-atti kollha tal-kawza u dan waqt is-seduti li nzammu wara l-1 ta' Marzu 2006 il-konvenut qatt ma ilmenta fuq il-mod ta' kif gew pprezentati dawk l-affidavits. Mhux mehtieg li prova permezz ta' affidavit tigi dejjem notifikata formalment lill-kontro-parti u jekk jirrizulta li l-kontro-parti ha konjizzjoni tal-istess, tant li espressament irrizerva l-kontro-ezami, ma jkunx jista' jilmenta bin-nuqqas ta' notifika. Wiehed irid jinnota li f'dan il-kaz, wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza f'seduta precedenti, wara li l-konvenut naqas li jressaq provi meta nghata opportunita` ghal dan, l-istess konvenut talab li jithalla jressaq provi, u l-ewwel Qorti ppermettiet dan, izda fl-ebda stadju mal-konvenut qatt ma talab li jaghmel il-kontro-ezami kif rrizerva li jaghmel.

L-appell marbut mad-digriet tal-ewwel Qorti tat-23 ta' Settembru 2009 hu ghalhekk michud.

Trattat issa l-meritu, din il-Qorti tibda biex titratta l-aggravji tal-konvenut marbuta mas-sejba mill-ewwel Qorti ta' agir minnu bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc. Jidher li hemm qbil mill-partijiet li l-elementi sabiex tissusti konkorrenza zleali taht dan l-artikolu huma erbgha, kif stabbiliet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Alfred Gera & Sons Ltd v. Cassingena et**, deciza fit-8 ta' Ottubru 2004. F'dik il-kawza, il-Qorti qalet hekk:

"L-artikolu 34 jipprovdi s-segwenti:-

""Il-kummercjanti ma jistghux, ghal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjanti ohra"
"Din l-azzjoni li torigina mill-Artikolu 2598(2) tal-Kodici Civili Taljan hija intiza biex tipprojibixxi lill-kummercjant milli jiehu vantagg mir-reputazzjoni u *goodwill* li jkun stabbilixxa kummercjant iehor billi jgieghel lill-konsumatur jahseb li l-prodotti jew servizzi minnu forniti huma ta' kwalita' ahjar minn dawk tal-kompetitur tieghu u dan a skapitu tar-reputazzjoni ta' l-istess kompetitur. Jekk kummercjant irid juri lill-konsumatur li l-prodott tieghu huwa l-ahjar fis-suq huwa jrid jaghmel dan minghajr ma jirreferi ghal xi kwalitajiet hziena li jista' jkollu l-prodott tal-kompetitur.

"Huwa maghruf li r-reputazzjoni jew il-*goodwill* fid-dinja tal-kummerc huma ta' valur inestimabbli u l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 34 trid tipprotegi dan id-dritt propjetarju.

"Mid-dicitura ta' l-Artikolu in kwistjoni jirrizulta li sabiex tirnexxi din l-azzjoni u jitqies li jkun hemm konkorrenza sleali iridu jikkonkorru s-segwenti elementi:-

"1. Il-konvenut irid ikun kummercjant.

"2. Huwa jrid ikun agixxa b'intenzjoni specifika.

"3. Irid ikun hemm tixrid tan-notizji.

"4. Dan it-tixrid tan-notizji irid ikun jista' jaghmel hsara lin-negozju tal-attur."

Apparti l-fatt li l-konvenut jichad li xerred notizji bi hsara ghas-socjeta` attrici, jinsisti li f'kull kaz, in-notizji, veri jew foloz, iridu jkunu tali li jiddenigraw il-"prodott", u jghid li, f'dan il-kaz, lanqas biss qed jigi allegat illi huwa xerred notizji relatati mal-prodotti tas-socjeta` attrici. Il-konvenut jaghmel referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti, kawza fl-ismijiet **Debono v. Coppini et**, deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn intqal li n-notizji jridu jkunu tali li jiddenigraw il-prodott li qed jigi spaccjat minn dak in-negozjant milqut. L-ewwel Qorti ma qablitx ma' dan il-hsieb, u qalet li, fil-fehma taghha, ma hemmx bzonn li jkun hemm id-denigrazzjoni tal-prodott. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma dahlitx fid-dettal, hu car li l-bazi tad-decizjoni taghha huwa, kif osservat hi stess, dak li tghid il-ligi, u dan fis-sens li l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc ma jorbotx in-notizji ma' prodott, izda ma' l-industrija jew kummerc tal-kummercjant. Ir-referenza ghall-kliem tal-ligi hi bizejjed motivazzjoni biex tigi radikata l-validita` tas-sentenza.

Fuq il-kwistjoni nnfisha, din il-Qorti tara li, fil-verita`, il-kliem tal-ligi ma jinsistux fuq denigrazzjoni ta' prodott. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Alfred Gera & Sons Ltd v. Casingena**, kwotata aktar qabel, id-denigrazzjoni jew tmaqdir tal-prodotti ta' haddiehor dejjem giet ritenuta bhala *"wahda mill-aktar kazi komuni fejn kummercjant jirrikorri ghall-azzjoni taht l-Artikolu 34";* il-fatt li hi wahda mill-aktar kazi komuni ma jfissirx li ma jezistux kazijiet ohra. Il-gurisprudenza titkellem b'mod generali fuq it-tixrid ta' notizji. Fil-kawza fl-ismijiet **Distefano v. Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' April 1931 fil-fatt intqal li:

*"… … basta la diffusione di notizie che possono recare pregudizio, perche` si attua un atto di concorrenza sleale";*

u din il-Qorti fil-kawza **Falzon Sant Manduca v. Caruana**, deciza fl-20 ta' Novembru 1979, irribadiet l-istess principju meta qalet:

*"… … ikun hemm kaz ta' konkorrenza sleali anki meta n-notizji jistghu jaghmlu hsara u ghalhekk mhux ta' htiega li dawn in-notizji waslu sabiex jikkawzaw il-hsara intiza."*

Hekk ukoll fil-kawza **Curmi v. Mizzi**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Ottubru 1957, intqal a propozitu illi, fost il-kazi ta' konkorrenza zleali:

*"Il-ligi tipprevedi dak tal-kummercjanti li ghal skop ta' konkorrenza jxerred notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjanti ohra; u ghar-rigward ta' din il-forma ta' konkorrenza illecita l-ligi ma tezigix li l-fatti danneggjanti jkunu falzi; anki d-diffuzjoni ta' fatti veri hija punita; imma fl-istess hin il-ligi trid l-intenzjoni specifika fil-propalatur tan-notizzji, jigifieri dik li jaghmel konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element intenzjonali, li jista' jigi dezunt minn kumpless ta' cirkustanzi, il-ligi necessarjament thallieh fl-arbitriju prudenzjali tal-gudikant.*

*"Huwa veru li biex ikun hemm konkorrenza illecita, jehtieg li n-notizzji jigu mxerdin minn konkorrent a pregudizzju ta' konkorrent iehor; imma xejn ma jimporta li dan il-pregudizzju jkun ta' entita` zghira; il-fatt biss li jkun hemm il-konkorrenza huwa bizejjed."*

Fil-kawza **Gauci Maistre noe v. Mizzi et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 intqal illi:

*"Zied jinghad illi ghalkemm huwa veru li l-konvenut nomine ma ddenigrax il-kummerc tal-attur nomine imma l-Artikolu 34 ma illimitax ruhu ghal kaz ta' denigrazzjoni biss, imma generikament irrefera ruhu ghall-fatt ta' tixrid ta' notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-kummerc ta' negozjant iehor, bla ebda distinzjoni."*

Ara fl-istess sens **Conti v. Borg** deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 1948. Din il-Qorti taqbel ma' din il-pozizzjoni, u jkun hemm ksur tal-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc, kull meta jkun hemm tixtrid ta' notizji li jistghu jikkagunaw hsara lill-kummerc ta' negozjant iehor.

Bhala fatti, jirrizulta mill-provi li l-konvenut agixxa u xerred notizji bi hsara ghall-interess tas-socjeta` attrici. Jirrizulta, per ezempju, li l-konvenut avvicina diversi *sales rappresentatives* tas-socjeta` attrici biex jghidilhom li kien hu li issa kien sejjer ibiegh prodotti li kienu impurtati mis-socjeta` attrici ghax kien se jiehu *brands* importanti f'idejh. *Wholesaler* partikolari xehed li l-konvenut qallu biex jitlaq lis-socjeta` attrici u jibda jixtri minghandu. Fil-fatt, certi hwienet thawdu u ma kienux jafu minghand min kellhom jixtru certi prodotti, u taht liema kundizzjonijiet. Il-konvenut beda jghid li s-socjeta` attrici kienet se tkun restrutturata (process li sa dak iz-zmien kien ghadu mizmum kunfidenzjali) u kumpanija li taghha s-socjeta` attrici kellha r-rapprezentanza infurmatha li s-sistema l-gdida ta' bejgh ma kinitx taqbel ghall-kumpanija taghhom u kienet se tittermina r-rapprezentanza tal-agenzija mas-socjeta` attrici u se tghaddiha lill-konvenut. Il-konvenut ipprova wkoll jehdilha l-agenzija tal-"Averna", li hu prodott importanti ghas-socjeta` attrici. Hu car li l-agir tal-konvenut ma kienx sempliciment ta' *parallel trading,* izda hareg informazzjoni dwar skema li kienet ghada ma gietx implimentata mis-socjeta` attrici bil-hsieb li jaghmilla hsara, u anke hadem biex "igerfex" l-imhuh ta' certi negozjanti li kienu jixtru minghand is-socjeta` attrici dwar min kien se jibqa' l-agent ta' certi prodotti u ma' min kellhom jinnegozjaw. Jirrizulta wkoll li, meta telaq minn mas-socjeta` attrici, instiga certi haddiema – li *"kienu jafu sew in-negozju tal-kumpanija u kienu proficjenti fix-xoghol taghhom"* – biex jitilqu lis-socjeta` attrici u jmorru jahdmu mieghu.

Skont il-gurisprudenza, mhux mehtieg li l-fatti divulgati jkunu falzi (ara, per ezempju **Vincenti Kind v. Manche`**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Dicembru 1957), u f'dan il-kaz in-notizja dwar l-istruttura kienet vera, pero`, giet imxerrda mill-konvenut meta kienet ghada fi stadju bikri ta' formazzjoni, u b'intenzjoni preciza li jikkawza hsara ghall-interessi tas-socjeta` attrici. Kif qalet l-ewwel Qorti, it-tixrid tan-notizji saru mill-konvenut ghall-skopijiet ta' konkorrenza u ghall-interessi tieghu, bir-rizultat li dak li ghamel jekwivali ghall-konkorrenza zleali, u bhala din il-Qorti wkoll issib li gew sodisfatti l-erba' elementi mehtiega

biex jitqies applikabbli l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc.

Din il-Qorti issa sejra tqis l-appell incidentali tas-socjeta` attrici marbut mal-fatt li l-ewwel Qorti ma qablitx li l-konvenut agixxa bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu. Din il-Qorti tara' li filwaqt li hu veru li l-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili dahal fis-sehh wara li sehhew il-fatti meritu ta' din il-kawza, dak l-artikolu ma hu xejn hlief riproduzzjoni ta' principju ta' dritt applikabbli gia` fid-dritt Ruman fejn kien meqjus bhala *"a parasitic institution"* (ara Lee, "The Elements of Roman Law", pagna 340), mhux bhala kuntratt imma bhala li jimponi obbligi addizzjonali ghal dawk kuntrattwali fil-kaz ta' certi kuntratti. Il-kuncett ta' obbligazzjonijiet fiducjarja lanqas ma hu marbut necessarjament mal-kuncett ta' trusts li dahal fis-sistema maltija b'mod komplut fl-1 ta' Jannar 2005 u hu ta' applikazzjoni generali f'kull kaz li dak li jkun ikun qed jagixxi f'interess ta' haddiehor meta allura hu mistenni li jagixxi bid-debita attenzjoni u kura. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kaz **Cordina v. Cordina**, deciza fis-26 ta' Settembru 2007, bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1124A fil-Kodici Civili, is-sitwazzjoni *"giet hafna aktar iccarata"*, pero` ma giex mahluq kuncett gdid. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Messina v. Galea** deciza fil-5 ta' Jannar 1881, il-ligi Rumana kienet u ghada il-*"ius comune"* ta' Malta u, *"nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane".* Il-kuncett ta' fiducja bejn il-principal u r-rapprezentant tieghu ilu jezisti fl-istorja legali taghna, u meta tqis li l-konvenut kien jokkupa kariga ta' General Manager, huwa car li l-ekwita` kienet timponi fuqu doveri u obbligazzjonijiet li jmorru lill-hinn mill-obbligazzjonijiet kuntratwali tieghu.

Manager jinghad li ghandu doveri ta' ghaqal u lealta` lejn il-principal tieghu. Kif jghid il-mibki Professur Joseph A. Micallef fin-noti tieghu dwar il-Kodici ta' Kummerc (pagna 121-123):

*"The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of*

*trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office…. The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places. He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics have been referred to by the Commercial Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent."*

Il-manager allura avolja m'ghandux responsabbilta` ta' *policy making*, huwa fiducjarju tal-principal tieghu u jrid jagixxi dejjem in bona fede u b'lealta`. Kif jghidu l-awturi Hayton et fil-ktieb "The Law of Trusts" (pagna 760) fiducjarju ghandu dejjem *"a duty of confidence which is coupled with the duty of loyalty",* u fost dawn id-doveri hemm dak ta' kunfidenzjalita`, fis-sens, kif jispjegah tajjeb Lord Millet fil-kaz Ingliz **Balkiah v. KPMG** (1999 1AllER 517):

*"… the duty to preserve confidentiality is unqualified. It is a duty to keep the information confidential, not merely to take all reasonable steps to do so. Moreover, it is not to misuse it, that is to say, without the consent of the former client to make any use of it or to cause any use to be made of it by others otherwise than for his benefit."*

F'dan il-kaz, il-konvenut intrabat ukoll, fil-kuntratt tas-27 ta' Settembru 2004, li jibqa' jagixxi *"with continued goodwill towards the company".* Il-kuncett ta' *"continued goodwill"* ifisser, kif tajjeb issottomettiet is-socjeta` attrici fl-appell incidentali taghha, li l-konvenut izomm grad ta' lealta` lejn l-ex principal tieghu u li ma jizvelax informazzjoni sensittiva dwar l-istess socjeta` u ma juzax l-istess

informazzjoni ghall-beneficcju personali tieghu stess a skapitu tas-socjeta` li kien jahdem ghaliha. Il-konvenut kellu access ghall-informazzjoni ta' natura sensittiva, u ghamel hazin meta uzufruwixxa minn din l-informazzjoni a skapitu tas-socjeta` attrici.

Jirrizulta fil-fatt li l-konvenut avvicina lil rapprezentanti tal-"Averna" u "Wenneker" biex jipprova jiehu l-agenzija f'idejh, u pprovda, zgur lir-rapprezentant tal-"Averna", id-dettalji dwar ir-restrutturazzjoni interna li kienet qed issir fi hdan il-grupp Farsons u dan biex jaghmel hsara lill-istess socjeta`. Ipprovda din l-informazzjoni wkoll lil numru ta' *wholesalers* u klienti tas-socjeta` attrici bil-konsegwenza li kkrea incertezza fis-suq tal-bejgh ta' prodotti importati mis-socjeta` attrici; agixxa b'mod parzjali, f'interess ghalih innifsu, billi sfrutta r-relazzjoni li hu kellu mal-impjegati tas-socjeta` attrici kif ukoll tas-socjeta` Wands Ltd biex jikkonvincihom jirrizenjaw minn mas-socjeta` attrici u Wands Ltd, sabiex imorru jahdmu mal-kumpanija tieghu Red October Ltd; u beda anke javvicina klienti u fornituri tal-istess socjeta` attrici biex dawn ma jkomplux jahdmu mas-socjeta` attrici izda jibdew jaghmlu negozju mas-socjeta` tieghu.

Hu car, fil-fehema tal-Qorti, li l-konvenut oltre li agixxa bi ksur tal-obbligu legali impost fuqu bl-Artikolu 34 tal-Kodici ta' Kummerc addizzjonalment agixxa bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu inerenti ghall-pozizzjoni tieghu fil-kumpanija u kif issa riflessi fl-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili, u kwindi ghandu jhallas kumpens ghall-hsara li ghamel lir-reputazzjoni tas-socjeta` attrici.

Fil-kuntest tal-aggravji marbuta mal-kuntratt ta' impieg tad-9 ta' Marzu 2003, u mal-kuntratt ta' terminazzjoni ta' impieg tas-27 ta' Settembru 2004, din il-Qorti tibda biex tghid illi ma tistax, f'dawn il-proceduri, tidhol biex tezamina jekk il-konvenut agixxiex bi ksur ta' provvedimenti tal-kuntratt ta' impieg, u dan peress li, wara dak il-kuntratt u qabel ma l-konvenut telaq minn mas-socjeta` attrici, gie ffirmat il-ftehim ta' Settembru 2004 u f'dan il-kuntratt ma saret ebda accenn ghal xi attivita` bi ksur tal-kuntratt ta'

impieg u lanqas ma saret rizerva ghal xi riklam ta' danni marbut ma' xi agir tul il-kors tal-kuntratt.

Fil-kuntest tal-kuntratt ta' terminazzjoni tal-impieg ta' Settembru 2004 gia` intwera li l-konvenut agixxa bi ksur tal-provvedimenti tal-istess kuntratt meta ma onorax l-impenn tieghu li juri *continued goodwill* lis-socjeta` attrici, u l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` attrici illi gialadarba rrizulta l-ksur evidenti ta' dan l-obbligu inkwistjoni, id-danni relattivi ghandhom jigu likwidati fis-somma li l-konvenut stess accetta li tirraprezenta l-valur tal-istess obbligu tieghu, u cioe` fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija, tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€24,458.42).

Jista' jinghad, ghal kull buon fini, li din il-kundizzjoni ma tistax titqies bhala patt *in restraint of trade*, ghax il-konvenut ma giex mizmum milli jahdem anke in kompetizzjoni mas-socjeta` attrici, basta li jagixxi in bona fede u b'lealta`, kundizzjonijiet applikabbli f'kull kaz. Kundizzjoni bhal din, ta' agir b'*continued goodwill*, zgur ma tistax titqies kontra l-ordni pubbliku u ghandha titqies *reasonable*, fil-kuntest tal-gurisprudenza u d-duttrina msemmija, specjalment mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Vassallo Cesario et v. Cilia Pisani**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 2006. Hu interessanti li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'dik il-kawza, fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2003, osservat illi:

"Ghal dak li jirrigwarda stipulazzjonijiet bejn principal u impjegat f'kuntratt ta' impjieg dawn il-principji rcevew applikazzjoni. Dan fis-sens illi filwaqt li gie rikonoxxut id-dritt ta' min ihaddem illi jipprotegi l-interessi kummercjali tieghu ghal dak li huma '*trade secrets'* u li jinibixxi "the misuse by the employee of his acquaintance with the employer's clients or customers" eppure il-kostringiment irid ikun relatat man-natura tal-impieg fejn allura min ihaddem jigi akkordat harsien akbar fil-kaz ta' impjegat f'kariga gholja, ad exemplum, 'managing director'. Inoltre il-patt tar-restraint irid jillimita l-attivita` lavorattiva jew industrijali tal-impjegat ghal zmien jew cirkondarju determinat li ma jkunx irragjonevoli."

Dawn il-kummenti jistghu jitqiesu jghoddu, *mutatis mutandis,* ghall-kaz odjern, li wkoll jitratta kaz ta' impjegat f'kariga gholja.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenut billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tas-socjeta` attrici billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens illi (i) tirrevokaha fejn cahdet it-tieni talba attrici u tghaddi biex minflok tilqa' l-istess talba kif mitluba u (ii) tvarja s-sentenza fejn, fit-termini tat-tielet u r-raba' talba, illikwidat danni fl-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000) u tghaddi biex minflok tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€24,458.42) (ipprecizzat li d-danni qed jigu likwidati in vista ta' ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji u tal-kuntratt ta' terminazzjoni ta' impieg tas-27 ta' Settembru 2004), u b'hekk tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici il-penali ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165) (taht l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc) u d-danni ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€24,458.42) kif inghad – b'kollox hamsa u ghoxrin elf, sitt mija tlieta u ghoxrin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€25,623.42) bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv; is-sentenza tal-ewwel Qorti hija konfermata ghall-bqija.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu mill-konvenut Christopher Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------